

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8192 — Advent International/THL/inVentiv)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2016/C 347/09)

1. Fil-15 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Advent International (l-Istati Uniti tal-Amerika) u Thomas H. Lee Partners (l-Istati Uniti tal-Amerika) jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' parti minn inVentiv (l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - Advent International hija investitur ta' ekwità privata. Hija tixtri ishma tal-ekwità (kemm ta' kontroll u kemm daww mhux ta' kontroll) f'kumpaniji fis-setturi li ġejjin: servizzi finanzjarji u tan-negozju; il-kura tas-saħħa; l-industrija; il-bejgħ bl-innut, is-settur tal-konsumaturi u tad-divertiment; u t-teknoloġija, il-midja u t-telekomunikazzjoni.
 - THL hija ditta ta' ekwità privata li tinvesti f'negozji dinjin f'firxa wiesgħa ta' setturi li ġejjin: tal-konsumatur u l-kura tas-saħħa; servizzi tal-media u l-informazzjoni u servizzi finanzjarji u tan-negozju.
 - inVentiv hija fornitur dinji ta' servizzi ta' żvilupp kliniku u ta' kummerċjalizzazzjoni. Il-klijenti ewlenin tagħha huma kumpaniji tal-prodotti farmaċewtiċi, tal-bijoteknoloġija, mediċini ġeneriċi u ta' apparati mediċi.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8192 — Advent International/THL/inVentiv, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.